



Kunsill Ewropew

Brussell, 28 ta' Ġunju 2016  
(OR. en)

EUCO 26/16

CO EUR 5  
CONCL 3

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

|          |                                                                     |
|----------|---------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                    |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                    |
| Suġġett: | Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (28 ta' Ġunju 2016)<br>– Konklużjonijiet |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

---

## **I. MIGRAZZJONI**

1. B'segwitu għad-deċiżjoni li jiġi applikat b'mod sħiħ il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016, il-qsim mit-Turkija lejn il-gżejjer Griegi naqas b'mod drastiku u issa kważi waqaf. Huwa importanti li din il-ħidma titkompli b'mod attiv biex tkompli tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni u tiġi żgurata soluzzjoni sostenibbli. Il-leġislazzjoni adottata reċentement mit-Turkija dwar it-trattament kemm tas-Sirjani kif ukoll ta' nazzjonalitajiet oħra tippermetti r-ritorn tal-migranti lejn it-Turkija b'rispett sħiħ għad-dispożizzjonijiet dwar l-inammissibbiltà skont id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil. Sar progress konsiderevoli miż-żewġ naħat fl-implimentazzjoni tal-firxa sħiħa ta' punti ta' azzjoni li jinsabu fid-dikjarazzjoni UE-Turkija, u l-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa aktar azzjoni determinata. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-ħtieġa li jingħata appoġġ kontinwu lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, inkluż fil-ġlieda tagħhom kontra l-faċilitaturi ta' dħul klandestin, u li nibqgħu viġilanti għal żviluppi potenzjali rigward rotot oħra sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni rapida u kkoordinata. Hija meħtieġa aktar azzjoni biex titthaffef l-implimentazzjoni tal-iskemi eżistenti ta' rilokazzjoni u risistemazzjoni.
2. Fil-Mediterran Ċentrali, il-flussi ta' migranti li l-biċċa l-kbira tagħhom ikunu migranti ekonomiċi baqgħu fl-istess livell tas-sena li għaddiet. Il-flussi jeħtieġ li jitnaqqsu, u b'hekk jiġu salvati l-ħajjiet u jisfaxxa l-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin. Il-proċeduri ta' sigurtà rilevanti għandhom ikunu applikati b'mod sħiħ biex ikun żgurat kontroll sħiħ fuq il-fruntieri esterni. Il-kisba ta' riżultati rapidi fil-prevenzjoni tal-migrazzjoni illegali u r-ritorn tal-migranti irregolari titlob Qafas ta' Sħubija effettiv ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi individwali ta' oriġini jew ta' tranżitu. Dan ser jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta, li għandha tiżdied. Abbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, l-UE ser tistabbilixxi u timplimenta malajr dan il-Qafas imsejjes fuq inċentivi effettivi u kondizzjonalità adegwata, u l-ewwel fost dawn ser ikun numru limitat ta' pajjiżi prijoritarji ta' oriġini u ta' tranżitu, bl-oġettivi li ġejjin:
  - il-ksib ta' riżultati speċifiċi u miżurabbli f'termini ta' ritorni rapidi u operazzjonali ta' migranti irregolari, inkluż bl-applikazzjoni ta' arranġamenti temporanji, sakemm jiġu konklużi ftehimiet ta' riammissjoni eżawrjenti;

- il-ħolqien u l-applikazzjoni tal-effett ta' lieva neċessarju, billi jintużaw il-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, inkluż l-iżvilupp u l-kummerċ;
- il-mobilizzazzjoni wkoll ta' elementi li jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri u l-ħidma għal sinerġiji mal-Istati Membri fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi speċifiċi.

Il-kooperazzjoni fuq ir-riammissjoni u r-ritorn ser tkun test kruċjali tas-sħubija bejn l-UE u dawn is-sħab.

3. Ir-Rappreżentant Għoli, inkluż fir-rwol tagħha bħala Viċi President tal-Kummissjoni, ser tmexxi l-implimentazzjoni ta' dan l-approċċ il-ġdid u tiżgura koordinazzjoni mill-qrib u effettiva bejn l-istituzzjonijiet u s-servizzi tal-UE u l-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġu konklużi l-ewwel patti qabel tmiem is-sena. Il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jagħmlu monitoraġġ b'mod regolari tal-proċess, jivvalutaw ir-riżultati tiegħu u jirrapportaw lura lill-Kunsill Ewropew.
4. L-istrumenti u s-sorsi rilevanti kollha ta' finanzjament għandhom jiġu mobilizzati b'mod koerenti b'appoġġ għall-approċċ deskritt hawn fuq. Il-Kunsill mistieden jeżamina malajr il-proposti li saru mill-Kummissjoni biex isir dan. Barra minn hekk:
  - l-inizjattiva tal-Bank Ewropew tal-Investment fil-Viċinat tan-Nofsinhar u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent, bħala l-ewwel pass fil-qafas il-ġdid ta' kooperazzjoni, ser tgħin biex jitrawwem investment fil-pajjiżi sħab u għandha l-appoġġ sħiħ tagħna. Biex jimplimenta din l-inizjattiva malajr, il-Kunsill mitlub jesplora f'qasir żmien kif jistgħu jiġu pprovduti r-riżorsi meħtieġa;
  - Sa Settembru 2016, il-Kummissjoni mistiedna tippreżenta proposta għal Pjan ambizzjuż ta' Investment Estern, li għandha tiġi eżaminata bħala prijorità mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Trid tiġi żgurata l-komplementarjetà fost l-inizjattivi kollha msemmijin hawn fuq.

5. L-approċċ deskritt hawn fuq ser ikun dinamiku u ser jiġi estiż jekk neċessarju għal pajjiżi jew reġjuni oħrajn biex jirrifletti l-flussi ta' migrazzjoni.
6. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni illegali, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi spirtu ta' responsabbiltà reċiproka mal-pajjiżi ta' oriġini.
7. Fil-perspettiva tas-Summit li jmiss tal-G20 u l-laqqgħa ta' Livell Għoli tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar movimenti kbar ta' refuġjati u migranti, il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-migrazzjoni hija sfida globali li teħtieġ rispons qawwi mill-komunità internazzjonali.
8. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jindirizza u jwettaq monitoraġġ tal-aspetti kollha tal-approċċ komprensiv tal-UE għall-isfida tal-migrazzjoni, kif imniżżel fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2015, u jiddefinixxi d-direzzjonijiet u l-prioritajiet politiċi ġenerali. Filwaqt li jfakkar fil-hteġa li jissaħħaħ il-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE biex jintlaħqu kemm l-oġettivi marbutin mal-migrazzjoni kif ukoll dawk tas-sigurtà, jilqa' l-qbil politiku bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-proposta dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u jitlob għall-adozzjoni tagħha f'qasir żmien u l-implimentazzjoni rapida tagħha.

## **II. IMPJIEGI, TKABBIR U INVESTIMENT**

### **Semestru Ewropew**

9. Il-Kunsill Ewropew b'mod ġenerali appoġġa r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi kif diskussi mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew tal-2016.

### **Suq Uniku**

10. Il-kisba ta' Suq Uniku aktar approfondit u ġust ser tkun strumentali fil-ħolqien ta' impjiegi ġodda, il-promozzjoni tal-produttività u l-iżgurar ta' klima attraenti għall-investment u l-innovazzjoni. Dan jeħtieġ fokus imġedded madwar l-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew jappella biex l-istrategġiji, inkluż dwar l-enerġija, u l-pjanijiet ta' azzjoni differenti għas-Suq Uniku proposti mill-Kummissjoni jitlestew u jiġu implimentati sal-2018.
11. Il-Kunsill Ewropew illum adotta aġenda li titlob progress rapidu u determinat biex:
- jitwasslu l-benefiċċji kollha tas-Suq Uniku Diġitali lill-partijiet ikkonċernati kollha permezz ta':
    - portabbiltà transfruntiera, li tippermetti lir-residenti tal-UE jivvjaġġaw bil-kontenut diġitali li jkunu xtraw jew abbonaw għalih minn djarhom;
    - it-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ-e, inkluż l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat li ma jħallix lill-klijenti online jaċċessaw u jixtru prodott jew servizz minn sit web ibbażat fi Stat Membru ieħor. It-tnaqqis tal-ispejjeż ta' konsenja ta' pakketti u l-immodernizzar tas-sistemi tal-VAT ser jiffaċilitaw aktar il-bejgħ transfruntier ta' oġġetti u servizzi;
    - ir-rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa bil-ħsieb li jitneħħew il-ħlasijiet supplimentari għar-roaming sa Ġunju 2017;
    - l-istedina lill-gvernijiet u l-istituzzjonijiet tal-UE biex jilħqu l-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern-e;
    - ir-riformi tad-drittijiet tal-awtur u l-oqfsa awdjoviżivi;

- jinħolqu l-kondizzjonijiet tajbin li jistimulaw opportunitajiet ġodda ta' negozju billi:
    - tiġi żgurata kapacià kbira ħafna ta' konnettività broadband fissa u mingħajr fil fl-Ewropa kollha, li hija prekkondizzjoni għall-kompetittività fil-futur. L-għan tar-rieżami tal-qafas regolatorju tat-telekomunikazzjoni għandu jkun li jiġu inċentivati investimenti f'networks ewlenin filwaqt li jiġu promossi kompetizzjoni effettiva u d-drittijiet tal-konsumatur;
    - jiġu kkoordinati aħjar il-modalitajiet tal-assenjazzjoni tal-ispettru kif ukoll tiġi liberata f'waqtha l-banda ta' 700 MHz sabiex ikun żgurat li l-Ewropa tkun fuq quddiem nett fil-varar tan-networks 5G;
    - jiġu kkoordinati l-isforzi tal-UE fuq komputazzjoni ta' prestazzjoni għolja. F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa t-tneidja ta' proġett importanti ta' interess Ewropew komuni f'dan il-qasam;
  - jingħata appoġġ għall-fornituri ta' servizzi, li jixtiequ jespandu lil hinn mill-fruntieri. Passaport għas-servizzi, konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2016, ser jippermetti lill-intraprendituri f'setturi ewlenin joffru s-servizzi tagħhom fi Stati Membri oħra mingħajr ma jkollhom jgħaddu minn proċeduri bla bżonn u ser jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-innovazzjoni;
  - jiġi żgurat aċċess aktar faċli għal finanzjament għan-negozji u jingħata appoġġ għall-investiment fl-ekonomija reali billi tiġi promossa l-aġenda tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. B'mod partikolari, għandu jsir progress rapidu fil-proposta għas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-prospett u l-proposti għal titolizzazzjoni sempliċi, standardizzata u trasparenti, li għandu jsir qbil dwarhom sa tmiem l-2016;
  - b'mod vigoruż ikun hemm sforzi għal regolamentazzjoni aħjar.
12. Il-Kunsill ser jirrapporta annwalment lura lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju dwar il-progress fl-approfondiment tas-Suq Uniku fl-aspetti kollha tiegħu. Implimentazzjoni u infurzar aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti ser jgħinu ulterjorment fil-kisba tal-benefiċċji tal-oġġettivi tas-Suq Uniku tal-Ewropa.

### **Kummerċ**

13. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea aġġorna lill-Kunsill Ewropew dwar in-negozjati li għaddejjin fuq il-kummerċ. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-kummerċ u dwar is-settur tal-azzar u ser jerġa' lura għall-kwistjoni għal diskussjoni komprensiva fil-laqgħa li jmiss tiegħu f'Ottubru. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella għat-tlestija rapida tal-ħidma fuq strumenti għad-difiża tal-kummerċ.

### **Pjan ta' Investiment (inkluż il-FEIS)**

14. Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), diġà ta riżultati konkreti u huwa pass importanti fil-mobilizzazzjoni ta' investiment privat filwaqt li jsir użu għaqli tar-riżorsi baġitarji skarsi.
15. Il-Kummissjoni dalwaqt beħsiebha tipproponi proposti dwar il-futur tal-FEIS, li għandhom jiġu eżaminati b'urġenza mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### **Unjoni Ekonomika u Monetarja**

16. Il-Kunsill Ewropew ta ħarsa lejn il-progress li sar fil-ħidma għall-ikkompletar tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, inkluż il-pjan direzzjonali sabiex tiġi kkompletata l-Unjoni Bankarja u jappella għal progress fil-ħidma. Huwa japprova r-rakkomandazzjoni dwar il-Bordijiet Nazzjonali għall-Produttività.

### **Tassazzjoni**

17. Il-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, u kontra l-ħasil tal-flus, tibqa' prijorità, kemm fl-UE kif ukoll internazzjonalment. Dan jidher ċar mill-adozzjoni reċenti tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE li taċċetta din l-isfida, b'mod partikolari fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u r-rappurtar pajjiż b'pajjiż, kif ukoll il-ftehim milħuq dwar id-Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa. Il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni ta' Pjan ta' Azzjoni li għandu fil-mira l-ħolqien ta' spazju uniku tal-VAT modernizzat u reżistenti għall-frodi huwa wkoll element importanti tal-approċċ globali.

## **Agrikoltura**

18. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2016, il-Kunsill Ewropew ta ħarsa lejn l-iżviluppi fis-settur agrikolu, partikolarment il-prodotti tal-ħalib u tal-laħam tal-majjal. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti timplimenta l-miżuri ta' sostenn meħtieġa kollha inkluż, fejn adatt, l-appoġġ finanzjarju ta' għajjnuna lill-bdiewa, u jistieden lill-atturi kollha fil-katina tal-provvista biex jgħinu fit-titjib tal-kondizzjonijiet tas-suq.

## **III. RELAZZJONIJIET ESTERNI**

19. Il-Kunsill Ewropew itenni r-rieda tiegħu li jappoġġa lill-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali (GNA), u jappella lill-gruppi kollha fil-Libja biex jaħdmu mal-GNA li hu l-uniku gvern leġittimu fil-Libja biex jerġa' jgħib l-istabbiltà, jiġġieled it-terroriżmu u jindirizza l-migrazzjoni fil-Mediterran Ċentrali kollu. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-Risoluzzjoni 2292 tal-KSNU u r-rwol estiż tal-Operazzjoni Sophia fl-infurzar tal-embargo tal-armi fuq il-Libja u t-taħriġ tal-Gwardja Kostali Libjana.
20. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-preżentazzjoni tal-Istrateġija Globali għall-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea mir-Rappreżentant Għoli u jistieden lill-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex ikomplu b'din il-ħidma.
21. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ġiet diskussa fil-preżenza tas-Segretarju Ġenerali tan-NATO. Il-Kunsill Ewropew appella għal tisħiħ ulterjuri tar-relazzjoni, fid-dawl tal-għanijiet u l-valuri komuni tagħna u minħabba l-isfidi bla preċedent min-Nofsinhar u l-Lvant. Din l-ambizzjoni ġdida għandha tiegħu l-forma ta' kooperazzjoni Prattika aċċellerata f'oqsma magħżula. L-ispinta l-ġdida fil-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ser isseħħ b'attitudni għalkollox miftuħa u b'rispett sħiħ tal-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet, tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-inklussività u tkun mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' kwalunkwe Stat Membru. Il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni Ewropea ser joħorġu dikjarazzjoni flimkien mas-Segretarju Ġenerali tan-NATO f'Varsavja f'Lulju.

22. Il-Prim Ministru Netherlandiż ippreżenta l-eżitu tar-referendum li sar fin-Netherlands dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukrajna, kif ukoll it-tħassib espress fid-dibattitu li kien hemm qabel ir-referendum. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex ifittex soluzzjoni li tindirizza dan it-tħassib mill-aktar fis possibbli.

#### **IV. EŻITU TAR-REFERENDUM FIR-RENJU UNIT**

23. Il-Prim Ministru tar-Renju Unit għarraf lill-Kunsill Ewropew dwar l-eżitu tar-referendum fir-Renju Unit.
-